DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/284

tat-18 ta' Frar 2019

li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Frar 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/101/PESK ([1]).

(2) Il-Kunsill wettaq rieżami tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK, fejn qies is-sitwazzjoni politika fiż-Żimbabwe.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-miżuri restrittivi jiġu estiżi sal-20 ta' Frar 2020. Jenħtieġ li l-Kunsill iżommhom taħt rieżami kostanti fid-dawl tal-iżviluppi politiċi u dawk fil-qasam tas-sigurtà fiż-Żimbabwe.

(4) Jenħtieġ li l-miżuri restrittivi jiġġeddu għal ħames persuni u entità waħda, u li jitneħħew għal żewġ persuni, fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2011/101/PESK. Jenħtieġ li s-sospensjoni tal-miżuri restrittivi tiġġedded għal tliet persuni elenkati fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2011/101/PESK.

(5) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/101/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2011/101/PESK hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 10*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-20 ta' Frar 2020.

3. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(1) u (2), sa fejn japplikaw għall-persuni elenkati fl-Anness II, għandhom jiġu sospiżi sal-20 ta' Frar 2020.

4. Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt rieżami kostanti u għandha tiġġedded, jew tiġi emendata kif adatt, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma ntlaħqux.".

(2) L-Anness I huwa emendat kif indikat fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni.

(3) L-Anness II hu emendat kif indikat fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/101/PESK tal-15 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe (ĠU L 42, 16.2.2011, p. 6).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Frar 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

ANNESS I

(1) L-entrata għall-persuna li ġejja indikata fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2011/101/PESK hija sostitwita bl-entrata ta' hawn taħt.

	Isem (u kwalunkwe psewdonimu)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
"2.	Mugabe, Grace	Imwielda fit-23.7.1965 Passaport AD001159 ID 63-646650Q70	Ex-Segretarju tal-lega tan-nisa taż-ZANU-PF (Unjoni Nazzjonali Afrikana taż-Żimbabwe – Front Patrijottiku), involuta f'attivitajiet li jxekklu gravement id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt. Ħadet taħt idejha l-Iron Mask Estate fl-2002; allegata li tikseb il-leċitament profitti kbar mit-tħaffir għad-djamanti."

(2) Fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2011/101/PESK, jitħassru l-entrati li ġejjin:

"3. Bonyongwe, Happyton Mabhuya

4. Chihuri, Augustine"

ANNESS II

Fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2011/101/PESK, jitħassru l-entrati li ġejjin:

"1. Bonyongwe, Happyton Mabhuya

2. Chihuri, Augustine"